**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 26 ta' Jannar, 2017

Rikors Nru : 268/16 AL

**AB**
**vs**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu fis-sebgha ta' Lulju tas-sena elf disgha mija u sebgha u tmenin (07/07/1987) gewwa il-Knisja tal-Kappuccini, Kalkara;
2. Illi l-esponenti ssepara legalment minn ma' martu permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Rueben Debono datat hmistax ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (15/02/2016) liema kuntratt hu hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A';
3. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom erbat (4) itfal u cioe' M imwielda fl-erbgha u ghoxrin ta' Novembru tas-sena elf disgha mija u sebgha u tmenin (24/11/1987), S imwielda nhar it-tlieta u ghoxrin ta' Novembru tas-sena elf disgha mija u disghin

(23/11/1990); G li twieldet nhar tletin ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u tlieta u disghin (30/09/1993) u J li twieldet nhar sebgha t'Awwissu tas-sena elfejn u sitta (07/08/2006) lkoll ahwa B;

4. Illi ma hemmx l-ebda prostpett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet tant illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat hmistax ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (15/02/2016) surreferit izda kien ilhom *de facto* separati u ma jghixux flimkien ghal iktar minn erba' (4) snin matul l-ahhar hames snin precedenti dan l-umli rikors u ghalhekk jissodifaw il-kriterja tal-Artikolu 66B;
5. Illi dwar il-manteniment l-esponenti kif ukoll zewgha kienu ddekadew ghad-dritt tagħhom għal manteniment u dan a tenur tal-Artikolu 11 tal-Kuntratt ta' Separazzjoni, filwaqt illi ma hemm l-ebda manteniment dovut mill-Komparenti Ragel lill-Mara ghal bzonnijiet tal-minuri;
6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 66 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Registartur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqsekk mill-istess Onorabbli Qorti, jazva lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Lulju, 2016;

Rat illi l-intimata, debitament notifikata, ma dehritx u ma ipprezentatx risposta;

Semghet lir-rikorrenti jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-15 ta’ Frar 2016 u de facto separati ghal aktar minn erba’ snin;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.